Nru. 17,601
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 8 ta' Ġunju, 2004
Tuesday, 8th June, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 580

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,595, 17,596 u 17,599 tal-31 ta' Mejju, l-1 ta' Ġunju u l-4 ta' ta' Ġunju, 2004 rispettivament.

A.L. Nru. 314 ta' l-2004: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2004 dwar in-Nollijiet għal Servizz tal-Passiġġieri u Merkanzija għal Għawdex.

A.L. Nru. 315 ta' l-2004: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Ikkummerċjar.

A.L. Nru. 316 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Att Nru. XII ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitat ta' l-Appelli.

A.L. Nru. 317 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali (Att Nru. XVII ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. 318 ta' l-2004. Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406); Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Aġġustamenti li għandhom x'jaqsmu ma' Oġġetti Kapitali).

A.L. 319 ta' l-2004. Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406); Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura lil Persuni mhux Residenti).

A.L. 320 ta' l-2004. Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276); Ordni ta' l-2004 dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 580

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,595, 17,596 and 17,599 of the 31st May, 1st June and 4th June, 2004 respectively.

L.N. No. 314 of 2004: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Gozo Passenger and Goods Service (Fares) Regulations, 2004.

L.N. No. 315 of 2004: Food Safety Act (Cap. 449); Trading Regulations, 2004.

L.N. No. 316 of 2004: Healthcare Professions Act, 2003 (Act No. XII of 2003); Appeals Committee (Elections) Regulations, 2004.

L.N. No. 317 of 2004: Social Work Profession Act, 2003 (Act No. XVII of 2003); Notice of coming into force.

L.N. 318 of 2004. Value Added Tax Act (Cap. 406); Value Added Tax (Adjustments relating to Input Tax on Capital Goods) Regulations 2004.

L.N. 319 of 2004. Value Added Tax Act (Cap. 406); Value Added Tax (Refund to Non-residents) Regulations, 2004.

L.N. 320 of 2004. Extradition Act (Cap. 276); Extradition (Designated Foreign Countries) Order, 2004.

A.L. 321 ta' l-2004. Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Att Nru. V ta' l-2003); Ordni ta' l-2004 dwar l-Unjoni Ewropea (Thassir ta' Kap. 75 tal-Liġijiet ta' Malta).

A.L. 322 ta' l-2004. *Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Companies Accounts) (Amendment) Regulations, 2004.*

A.L. 323 ta' l-2004. *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Further Provisions for Product Withdrawal and Recall Regulations, 2004.*

A.L. 324 ta' l-2004. Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XXII ta' l-2002); Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħol.

A.L. 325 ta' l-2004. Att ta' l-2004 biex Jemenda Diversi Liġijiet (Att Nru. III ta' l-2004); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

It-8 ta' Ġunju, 2004

Nru. 581

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifika ta' Konċentrazzjoni

SKOND ir- regolament 5(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 ta' l-2002 id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi n-notifika tal-konċentrazzjoni bejn Continental AG u Phoenix AG saret u ġiet aċċettata nhar l-Erbgha, id-19 ta' Mejju, 2004.

Il-konċentrazzjoni hija amalgamazzjoni ta' Continental AG ma' Phoenix AG, li qabel kienu intrapriżi ekonomikament independenti minn xulxin.

Is-settur ekonomiku affettwat huwa dak tal-manifattura ta' prodotti tal-gomma għall-funzjoni teknika.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom għall-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet għandhom jaslu bil-miktub fl-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern f'dan l-indirizz:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust
Triq il-Kanun
Sta Venera CMR02
Malta

It-8 ta' Ġunju, 2004

L.N. 321 of 2004. European Union Act, 2003. (Act No. V of 2003); European Union (Repeal of Cap. 75 of the Laws of Malta) Order, 2004.

L.N. 322 of 2004. Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Companies Accounts) (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. 323 of 2004. Product Safety Act (Act No. V of 2001); Further Provisions for Product Withdrawal and Recall Regulations, 2004.

L.N. 324 of 2004. Employment and Industrial Relations Act, 2002 (Act No. XXII of 2002); European Works Council Regulations, 2004.

L.N. No. 325 of 2004: Amendment of Various Laws Act, 2004 (Act No. III of 2004); Notice of coming into force.

8th June, 2004

No. 581

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

IN terms of regulation 5(4) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition notifies for general information taht the notification of a concentration between Continental AG and Phoenix AG was filed and accepted on Wednesday, 19th May, 2004.

The nature of the concentration is a merger of Continental AG and Phoenix AG that were previously economically independent undertakings.

The economic sector affected is that of the production of rubber technical parts.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on notified concentration.

Such written observations should reach the Office for Fair Competition within seven days following publication of this notification in the Government Gazette to:

Consumer and Competition Division
Office for Fair Trading
Cannon Road
Sta.Venera CMR02
Malta

8th June, 2004

Nru. 582

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifika ta' Konċentrazzjoni

SKOND ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 ta' l-2002 id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi n-notifika tal-konċentrazzjoni bejn Colony Capital, Accor u l-familja Barriere Desseigne saret u ġiet aċċettata nhar it-Tlieta, is-6 ta' April, 2004.

Il-konċentrazzjoni hija *joint-venture* fuq bażi dejjiema bliskop li twettaq il-funzonjonijiet kollha bħala entità ekonomika awtonoma, u għalhekk *joint-venture* b'funzjoni sħiħa.

Is-settur ekonomiku affettwat huwa dak tal-*casinos*.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom għall-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet għandhom jaslu bil-miktub fl-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern f'dan l-indirizz:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust
Triq il-Kanun
Sta Venera CMR02
Malta

It-8 ta' Ġunju, 2004

No. 582

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

IN terms of regulation 5(4) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition notifies for general information that the notification of a concentration between Colony Capital, Accor, and Barriere Desseigne family which was filed and accepted on Tuesday, 6th April, 2004.

The concentration is a *joint venture* which is to perform on a lasting basis all the functions of an autonomous economic entity, and therefore considered to be a full-function joint-venture.

The economic sector affected is that of *casinos*.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on notified concentration.

Such written observations should reach the Office for Fair Competition within seven days following publication of this Notification in the Government Gazette to:

Consumer and Competition Division
Office for Fair Trading
Cannon Road
Sta.Venera CMR02
Malta

8th June, 2004

Nru. 583

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ

SKOND id-disposizzjonijiet tar-regolament 34 (5) tar-regolamenti msemmija hawn fuq, is-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika l-sem tal-ħanut tal-merċa li jinsab f'San Pawl il-Baħar, li jista' jiftaħ fil-Ħdud u l-festi pubbliċi bejn Mejju u Ottubru 2004. Id-Diviżjoni għall-Kummerċ iżżomm id-dritt li fil-futur tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan il-permess skond ir-regolamenti 34 (4) u (5) tar-regolamenti hawn fuq imsemmija.

CD/3218/2004 Pt 6 1 Ideal Store

It-8 ta' Ġunju, 2004

No. 583

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

ACCORDING to the provisions of regulation 34 (5) of the above mentioned regulations, the Trade Licensing Unit is hereby publishing the following name of the grocer located at St Paul's Bay which is to open during Sundays and other public holidays between May and October 2004. The Commerce Division reserves the right in future to change the conditions of this permit according to regulations 34 (4) and (5) of the above mentioned regulations.

Triq il-Knisja, San Pawl il-Baħar

8th June, 2004

Nru. 584

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 584

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 273	Tonio Caruana	92A, Triq il-Palma Paola	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24	31.05.04
CD/3209/2004 Pt 182	Alfred Mangion	Alfred's Ironmongery 44, Triq il-Mina ta' Hompesch Żabbar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.46	04.06.04
CD/3209/2004 Pt 184	Emanuel Borg	Emy's Garage Triq il-Ballut Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	03.06.04
CD/3209/2004 Pt 193	John Agius	2 Fast 2 Furious 4, Triq St. Marija Għaxaq	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45 52.48.13	04.06.04
CD/3209/2004 Pt 204	Michael Muscat	2, Triq Tal-Ħandaq Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	24	31.05.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 205	Michael Muscat	1, Triq Tal-Ħandaq Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.9 52.33	31.05.04
CD/3209/2004 Pt 206	Silvan Sammut	22/23, Pjazza San Leonardu Mosta	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21 52.22 52.23 52.25	31.05.04
CD/3209/2004 Pt 208	Richard Galea	Green Valley (Fruit & Vegetables) 2, Triq il-Kunċizzjoni Ħamrun	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21	31.05.04
CD/3209/2004 Pt 209	Mark Azzopardi	185, Victory Street Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42	01.06.04
CD/3209/2004 Pt 210	Clyde Joseph Pace	Hair Dresser No. 1, Triq Tas-Sliema Gżira	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	01.06.04
CD/3209/2004 Pt 217	Luigi Lissandrello	R.S.L. Company Ltd No. 1, Outlet, Windsor Terrace Sliema	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	04.06.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

It-8 ta' Ġunju, 2004

8th June, 2004

Nru. 585

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 585

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjan Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Anthony Vella	836755 (M)	9, Flat 2, Triq ix-Xitwa, Qormi

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Justin Zammit	606882 (M)	132, "Marcarm", Vjal Kottoner, Fgura
Carmel Spiteri	34258 (M)	"Paradise", Flat 1, Triq il-Qaliet, Marsascala
Luke Cricchiola	29086 (M)	91, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla
Benedict Galea	669756 (M)	8, "Mandalay", Triq Mikielanġ Sapiano, Mqabba
Christian Aquilina	553284 (M)	17, Triq l-Aragoniżi, Qrendi
Alison Cilia	20786 (M)	28, "Paulman", Triq l-Arkibużier, Żejtun
Simon Zammit	56567 (M)	28, "Amaryllis", Triq Santa Margerita, San Ġwann
Simon Portelli	23671 (G)	46, "Tas-Sallura", Triq il-Fanal, Għasri, Għawdex
Doreen Caruana	7872 (G)	"Valley View", Flat 4, Triq Xuxa, Kerċem, Għawdex
Alan Grech	404680 (M)	"Joyce Michael", Triq is-Sokkors, Kerċem, Għawdex
Olivia Sammut	513383 (M)	24, Triq San Ġwann, Sqaq Numru 2, Siġġiewi
Roderick Pace	294383 (M)	18, "The Cottage", Triq il-Flotta, Gżira
Luke John Mansueto	66285 (M)	49, Triq Sir Luigi Camilleri, San Ġwann
Saviour Spiteri	380753 (M)	"Sandora", Triq Bugħarbiel, Żejtun
Antonio Schembri	397683 (M)	31, "Pearl", Triq il-Ħabaq, Luqa
Doris Magri	178283 (M)	"Warda", Triq il-Poeżija, Qormi
Miriam Portelli	437262 (M)	"Ġawhra", Triq il-Btieti, Marsascala

George Magro	479082 (M)	8, Triq it-Torri, Qrendi
Joseph Formosa	454862 (M)	132, "Dar il-Hena", Triq il-Kummerċ, Qormi
Laurence Camilleri	294377 (M)	14, "Josephine", Triq Salvu Astarita, Żabbar
Anthony Attard	51676 (M)	89, "St Joseph", Triq Villambrosa, Ħamrun

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-8 ta' Ġunju, 2004

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

8th June, 2004

Nru. 586

ĦATRA TA' MEMBRU TAL-KUMMISSJONI ELETTORALI

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 553 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,597 ta' l-1 ta' Ġunju, 2004, ngħarrfu illi l-perijodu li fih Dott. Anna Felice, LL.D., tkun membru tal-Kummissjoni Elettorali jispiċċa fid-29 ta' Awissu, 2006, u mhux fl-20 ta' Awissu, 2006, kif ippubblikat fin-Notifikazzjoni msemmija.

It-8 ta' Ġunju, 2004

No. 586

APPOINTMENT OF MEMBER OF THE ELECTORAL COMMISSION

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 553 published in Government Gazette No. 17,597 dated 1st June, 2004, it is notified that the period during which Dr Anna Felice, LL.D., is a member of the Electoral Commission ends on the 29th August, 2006, and not on the 20th August, 2006, as published in the said Notice.

8th June, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 44

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Ġunju, 2004, mis-6.00 a.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: iċ-Ċagħki (minn "Mater Dolorosa" lejn l-iskola), R. Saliba, il-Konti Ruġġieru (minn Nru. 38 lejn l-iskola), Sant'Antnin (minn Nru. 26 lejn l-iskola), Ferris (minn "St Paul" lejn l-iskola), Kola Xara (minn "Alta Marea Flats" lejn l-iskola), il-Kulleġġ (minn Nru. 108 lejn l-iskola); Santa Marija (minn Nru. 37 lejn l-iskola) u l-Kan. Gatt Said.

Ħad-Dingli

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Ġunju, 2004, mis-6.00 a.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Buskett (minn Nru. 7 lejn l-iskola), il-Kbira (minn Nru. 86 u mid-dar "Oliveira" lejn l-iskola), Santa Marija (minn Nru. 22 lejn l-iskola) u l-Għajn (minn Nru. 10 lejn l-iskola).

L-Imtarfa

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Ġunju, 2004, mis-6.00 a.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Imtarfa, l-Istazzjon (mill-fabbrika tal-faqqiegħ lejn l-iskola) u Dar il-Kaptan (minn dar "Redentur"lejn l-iskola).

Il-Baħrija, Rabat

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Ġunju, 2004, mis-6.00 a.m. sa l-10.00 p.m. minn Triq l-Iskola.

L-Imdina

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Ġunju, 2004, mis-6.00 a.m. sa l-10.00 p.m. minn Triq San Pawl u Pjazza San Publiju.

Vetturi misjuba pparkjati kontra l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-8 ta' Ġunju, 2004

POLICE NOTICE

No. 44

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Saturday, 12th June, 2004, from 6.00 a.m. to 10.00 p.m. through the following streets: iċ-Ċagħki (from "Mater Dolorosa" towards school), R. Saliba, il-Konti Ruggieru (from No. 38 towards school), Sant'Antnin (from No. 26 towards school), Ferris (from "St Paul" towards school), Kola Xara (from "Alta Marea Flats" towards school), il-Kulleġġ (from No. 108 towards school); Santa Marija (from No. 37 towards school) and il-Kan. Gatt Said.

Dingli

On Saturday, 12th June, 2004, from 6.00 a.m. to 10.00 p.m. through the following streets: il-Buskett (from No. 7 towards school), il-Kbira (from No. 86 and from house "Oliveira" towards school), Santa Marija (from No. 22 towards school) and il-Għajn (from No. 10 towards school).

Mtarfa

On Saturday, 12th June, 2004, from 6.00 a.m. to 10.00 p.m. through the following streets: l-Imtarfa, l-Istazzjon (from mushroom factory towards school) and Dar il-Kaptan (from house "Redentur" towards school).

Baħrija, Rabat

On Saturday, 12th June, 2004, from 6.00 a.m. to 10.00 p.m. through Triq l-Iskola.

Mdina

On Saturday, 12th June, 2004, from 6.00 a.m. to 10.00 p.m. through Triq San Pawl and Pjazza San Publiju.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

8th June, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Ufficjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex.

2 Il-post ta' Uffiċjal Legali *Junior* għandu salarju ta' Lm5,750 fis-sena, li jiżdied b'Lm192 kull sena sa massimu ta' Lm6,902 (Skala ta' Salarju 9).

2.1. Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Legali *Junior* tinħatar Uffiċjal Legali fi Skala 8 (Lm6,120 x Lm209 - Lm7,374) wara sentejn (2) ta' servizz sodisfaċenti fil-kariga.

2.2. Persuna magħżula li jkollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika legali pprovati wara li tkun kisbet il-*warrant* ta' Avukat, tinħatar Uffiċjal Legali fuq skala tas-salarju 8 (Lm6,120 x Lm209 - Lm7,374).

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti bejn il-Gvern u l-*Unions* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għal Għawdex. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.1. Il-persuna nominata ma titħalliex tipprattika l-professjoni tagħha privatament.

3.2. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa li twettaq dmirijietha f'Għawdex fuq bażi *full-time*.

4. Id-dmirijiet ta' *Junior Legal Officer* jinkludu dan li ġej:-

(a) konsulenza legali għall-Ministeru għal Għawdex u għal Dipartimenti oħra f'Għawdex;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Department of Corporate Services, Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the posts of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Department of Corporate Services, Ministry for Gozo.

2. The salary for the post of Junior Legal Officer is Lm5,750 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,902 (Salary Scale 9).

2.1. A Junior Legal Officer will, subject to satisfactory performance, be upgraded to Legal Officer on salary scale 8 (Lm6,120 x Lm209 - Lm7,374) on completion of two (2) years service in the grade.

2.2. A successful applicant who has at least three (3) years of proven legal practice after obtaining the warrant to practise as Advocate, will be appointed as Legal Officer in salary scale 8 (Lm6,120 x Lm209 - Lm7,374).

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Unions.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Gozo. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.1. The appointee will not be allowed the private practice of his/her profession.

3.2. The selected applicant will be required to perform his/her duties in Gozo on a full-time basis.

4. The duties of Junior Legal Officer/Legal Officer shall include the following:-

(a) acting as legal adviser to the Ministry for Gozo and other Departments in Gozo;

(b) tipprovdi pariri legali awtorevoli fuq proġetti partikolari, programmi u inizjattivi li jinkludu l-abbozzi ta' liġijiet u/jew kuntratti, aġġornar tal-liġijiet u tirrevedi *policies* relevanti;

(ċ) tipprovdi pariri tekniċi legali lil dawk inkarigati mit-tmexxija tal-Ministeru, fuq il-materji kollha relatati mal-proċeduri legali ta' kull xorta u għamla, u tissuġġerixxi proċeduri u regoli biex jiġi eżaminat u żgurat li l-ħidmiet u proċeduri huma konformi mal-ħtiġiet legali;

(d) tqis l-impatt legali tal-proċeduri fuq il-funzjoni u l-operat tal-Ministeru u tissuġġerixxi emendi għalihom biex dawn jitħaffu;

(e) tabbozza liġijiet, regoli, *policies,* proċeduri u kuntratti, kif meħtieġ;

(f) tagħti pariri lis-Segretarju Permanenti u lis-*Senior Management* dwar l-implikazzjonijiet potenzjali ta' liġijiet ġodda, regoli, *policies,* proċeduri jew kuntratti, jew dwar tibdil fihom;

(g) xogħol ta' korrispondenza u xogħol ieħor li jinvolvi punti legali;

(h) *filing* ta' dokumenti legali.

5.1. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(iii) (a) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

JEW

(b) ikunu persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant;*

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati mal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and*

(b) providing authoritative legal advice on particular projects, programmes and initiatives including drafting of laws and/or contracts, updating of legislation and review of relevant policy issues;

(c) providing technical legal advice to management personnel attached to the Ministry on all matters related to top legal procedures of whatever nature and kind, and, suggesting amendments thereto which would facilitate speedier handling of procedures;

(d) assessing the legal impact in the functioning of the Ministry and its operation, suggesting amendments thereto which would facilitate speedier handling of procedures;

(e) drafting laws, regulations, rules, policies, procedures and contacts, as required;

(f) advising the Permanent Secretary and senior management on the potential implications of new laws, regulations and contracts or changes to those existing;

(g) dealing with correspondence and matters in which points of law are involved;

(h) filing of legal documents.

5.1. Applicants must be:-

(i) citizens of Malta or of a European Union Member State;

(ii) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(iii) (a) in possession of a warrant to practice the profession of Advocate in Malta;

OR

(b) persons having the academic qualifications to obtain such warrant;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave

Leave Record Form (GP 47); dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

5.2. Applikanti li jaqgħu taħt paragrafu 5.1. (iii) (b) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 5.1. (iii) (a). Barra minn hekk, dawn il-persuni jingħataw il-ħatra biss meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw bħala Avukat.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 43), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-kwalifika u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. (Fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali jridu jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esibiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għal Għawdex. Oġġezzjonijiet

Record Form (GP 47); those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2. Applicants under paragraph 5.1 (iii) (b) will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 5.1. (iii) (a). Such applicants, moreover, will only be appointed when they obtain the warrant to practise as Advocate.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) (Cap. 43), 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. (Photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview.)

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Gozo. Petitions objecting to the result in terms

għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adattata għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.gozo.gov.mt/webimages/documents/I2005.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Lulju, 2004.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għal Għawdex, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 - 21 559 866.

14. Tingħata irċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal lid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex.

14.1. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex.

It-8 ta' Ġunju, 2004

of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.gozo.gov.mt/fwebimages/documents/I2005.pdf

or obtained from the Director of Corporate Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria Gozo by not later than noon of Friday, 2nd July, 2004.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is +356 - 21 559 866).

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Gozo and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

14.1. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Gozo within seven (7) days.

8th June, 2004

MINISTERU GHALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Il-Politika Reġjonali Ewropea f'Malta - Fondi Strutturali 2004-2006

Strument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd FIFG

Miżura 3.3 – Sajd:

Sotto-Miżura 3.3.1

TIĠDID TAL-FLOTTA

1. Preambolu:

Din hi miżura maħsuba biex ittejjeb il-flotta permezz ta' tiġdid u se tkun imħaddma b'tali mod illi l-kapaċita' tal-flotta ma tiżboqx il-miri annwali kif imniżżla fil-Programm ta' Gwida Multi-Annwali għall-Flotta. Din il-miżura tippermetti xogħol ta' bini ta' bastiment ġdid li jkollu tunnellaġġ u saħħa tal-makni taħt il-100 GT (Bastimenti ta' aktar minn 100 GT jeħtieġu ratio ta' 1:1.35) iżda b'makni aktar effiċjenti, titjib fil-kundizzjonijiet sanitarji abbord, makkinarju fuq il-kverta b'anqas periklu, apparat tas-sajd aktar selettiv u tagħmir tan-navigazzjoni avvanzat.

Jekk titmexxa kif għandha titmexxa u jekk tintuża fi qbil mal-kundizzjonijiet tal-provvediment tar-riżorsi, din il-miżura tħalli impatt pożittiv fuq l-ambjent naturali. Tħalli wkoll effett pożittiv fuq l-ambjent tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd kif ukoll ittejjeb il-fattur ta' sigurta'. It-tiġdid imsemmi m'għandux jirriżulta f'żieda fil-kapaċita' għall-qbid tal-ħut u għalhekk mhux ser joħloq sajd (bla kontroll) eċċessiv. Kull proġett f'din l-iskema irid dejjem iżomm mal-kunċett ġenerali li s-sajd irid ikun sostenibbli.

Total ta' 285,000 Euros ħa jkunu ġejjin mill-fondi pubbliċi (Malta u EU (FIFG) fondi). Il-proġetti jirċievu fondi sa massimu ta' 40% mill-fond ta' l-FIFG u mill-Gvern Malti. L-applikanti jkollhom iħallsu l-bqija, jiġifieri 60 fil-mija (60%) tal-proġett. L-erbgħin fil-mija (40%) ta' l-għajnuna li ser tingħata għall-bini ta' dawn il-bastimenti tas-sajd mill-FIFG u mill-iStat ma' tkunx tiżboq dawk l-ammonti li jaqblu mat-tabella ta' hawn taħt:

GT	€ Euros	
0<10	22,000/GT	+ € 4,000
0<25	10,000/GT	+ € 124,000
25<100	8,400/GT	+ € 164,000
100<300	5,400/GT	+ € 464,000
300<500	4,400/GT	+ € 764,000
500 & above	2,400/GT	+ €1,764,000

2. Oġġettivi:

Il-miżura tinvolvi l-bini ta' bastimenti ġodda permezz ta' l-għajnuna pubblika fl-istess waqt li jitneħħew daqstant ammonti ta' tunnellaġġ u Horse Power mill-bastimenti taħt il-100GT (Bastimenti 'l fuq minn 100GT jeħtieġu ratio ta' 1:1.35) li bħalissa hemm fir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd mingħajr ma tingħata xi għajnuna mill-fondi pubbliċi. B'hekk ser ikollna flotta aktar moderna li tħalli impatt anqas negattiv fuq l-ambjent billi jitnaqqsu d-dħaħen, jitjiebu l-kundizzjonijiet sanitarji abbord u jinbidel d-daqs tal-malji tax-xbieki u tas-snanar etc.

3. Benefiċjarji:

B'din il-miżura ser jintlaqtu dawk il-bastimenti tas-sajd li kienu fir-Reġistru tas-Sajd Malti mill-anqas matul l-aħħar sentejn u li jkollhom aktar min għaxar snin. Minn din il-miżura ser igawdu s-sidien tad-dgħajjes ta' bastimenti tas-sajd li huma tajbin għall-baħar li bħalissa jidhru fir-Reġistru tas-Sajd Malti. Il-miżura tikkonċerna biss bastimenti li jkunu ħarġu jistadu ta' l-anqas ħamsa u sebgħin (75) ġurnata f'kull wieħed miż-żewġ perjodi ta' tnax-il xahar matul is-sentejn ta' qabel id-data ta' l-applikazzjoni jew ta' l-anqas tmenin fil-mija (80%) tan-numru ta' ġranet fuq il-baħar permessi bir-regolamenti kurrenti għall-bastimenti kkonċernati.

4. Applikazzjonijiet:

Kull applikazzjoni irid ikun fiha d-dettalji kollha kif speċifikati fil-formola pprovduta. Il-formoli jinġabru mill-indirizzi li huma msemmija hawn taħt. Il-persuna li tissottometti l-applikazzjoni/jiet tkun mitluba turi l-Karta ta' l-Identita' uffiċjali għal skopijiet ta' identifikazzjoni. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati. Wieħed għandu jissottometti l-applikazzjoni billi jmur biha personalment f'wieħed mill-indirizzi muri hawn taħt sa' mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Hamis, il-15 ta' Lulju, 2004.

L-Uffiċċju, Programmi
Ċentru Malti għax-Xjenzi tas-Sajd
Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd
Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
Forti San Luċjan
Triq Birżebbuġa
Marsaxlokk BBG 06
Malta

L-Uffiċċju Programmi
Uffiċċju għal Biedja u Sajd
Pjazza San Franġisk
Victoria
Għawdex

Tingħata irċevuta lill-persuna li tissottometti l-applikazzjoni.

F'każ ta' diffikulta' jew biex tinkiseb aktar informazzjoni, wieħed għandu jirrikorri għand l-Uffiċjal inkarigat mill-Programmi, Ċentru Malti għax-Xjenzi tas-Sajd jew billi jċempel fuq in-numru tat-telefon 21655525 mit-tmienja ta' filgħodu (8.00am) sa nofs in-nhar (12.00pm).

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati min stima min-tarzna u l-proposta tal-proġett tkun iffirmata minn min ser jibni l-bastiment. Din tifforma l-parti teknika ta' l-azzjoni. Il-fondi jiġu mogħtija biss għal dawk li ħa jibnu bastimenti ġodda u ser jixtru magni ġodda u apparat ġdid.

5. Aġġudikazzjoni:

L-aġġudikazzjoni ssir minn nies imqabbda apposta fi ħdan id-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd. L-applikazzjonijiet ikunu kkunsidrati skond il-linji ta' kriterja stipulati.

Ser tingħata preferenza ta' punti għal dan li ser insemmu hawn taħt:

- Nies iżgħar fl-eta'. Il-preferenza hija mqassmin f'ħames livelli;
- Il-valur ta' qbid ta' ħut mdaħħal il-pixkerija. Il-preferenza hija mqassma fi tlett livelli;
- In-numru ta' ljieli fuq il-baħar fis-sena u kemm wieħed ilhu jistad. Il-preferenza hija mqassma prorata;
- Min ma' ħax assistenza fis-snin li għaddew. Il-preferenza hija mqassma fuq tlett livelli.
- Sess; Jekk l-applikanta tkun mara, din tingħata punti doppji.

6. Dokumenti:

Id-dokumenti kollha sottomessi jrid ikun fihom referenza ta' oriġni biex wieħed ikun jista' jikkonferma l-awtentiċita'. Iridu jitniżżlu d-dettalji kollha dwar l-aġenzija, istituzzjoni jew korp minn fejn ikunu nħarġu d-dokumenti.

7. Riżultati:

Ir-riżultati tas-sottomissjonijiet ikunu ppublikati fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq it-tabella ta' l-avviżi fl-Uffiċċju tad-Direttur, Servizzi Korporativi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u fuq il-*website* tal-Fisheries: http://www.maltafisheries.gov.mt/ Avviż fl-istampa lokali jindika d-data meta jkunu nħarġu r-riżultati. Il-proġetti jkunu illistjati skond ordni ta' mertu u dawk li jkunu ser jingħataw l-fondi jkunu jidhru mmarkati b'linja sewda ħoxna taħthom.

Applikanti li jkun ikkwalifikaw għall-għajnuna se jigu kkuntatjati biex jippreżentaw garanzija mill-bank bħal mhu msemmi f'punt 8.

8. Ħlasijiet:

Dawk il-proġetti li jkunu ġew approvati biex jingħataw fondi, jingħataw l-għajnuna skond din l-iskeda li ġejja:

80% ta' l-għajnuna malli jkunu aċċettati
20% ta' l-għajnuna wara li jitlesta il-proġett u jitressqu l-irċevuti kollha.

Il-ħlas isir, għal ġol-kont bankarju ta' l-applikant permezz ta' *bank transfer* maħruġ mill-Bank Ċentrali ta' Malta wara struzzjonijiet mid-Dipartiment tat-Teżor. L-applikanti magħżula irid ikollhom assikurazzjoni meħtiega ġo xi bank u tkun tkopri l-valur tal-bastiment.

9. L-Aħħar Sottomissjonijiet:

Min ikollu l-proġett/i aċċettat/i u jkun mogħti l-aħħar l-għajnuna, ikun jeħtieġlu jissottometti l-irċevuti fiskali oriġinali u relevanti kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-proġett. Dawn iridu jkunu ppubblikati fi żmien stipulat ta' l-azzjoni.

Ma' dawn is-sottomissjonijiet irid jintbagħat ukoll rapport approvat tas-surveyor dwar il-bastiment. Huwa importanti li l-bastiment l-antik jiġi mneħħi mir-reġistru tas-sajd jew inkella l-bastiment jiġi mkisser għal kollox. Id-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd iżżomm id-dritt li tispezzjona l-proġett fi kwalunkwe stadju permezz ta' l-Uffiċjali tal-Protezzjoni tas-Sajd jew permezz ta' Uffiċjali oħra li jistgħu jkunu appuntati.

Meta l-proġett ikun ikkonfermat li jkun twettaq skond il-proposta/i sottomessa/i, isir il-ħlas finali.

Dawk il-bastimenti tas-sajd li jkunu nbnew taħt din l-għajnuna ta' l-FIFG ma jkunux jistgħu jitneħħew mill-flotta tas-sajd fl-ewwel għaxar (10) snin mid-data tal-kostruzzjoni. Jekk għal xi raġuni jew oħra dawn il-bastimenti jitneħħew, l-għajnuna finanzjarja li tkun ingħatat trid titħallas lura fuq bażi *'pro-rata temporis'* taħt il-kundizzjonijiet tal-proġett.

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

The European Regional Policy in Malta - Structural Funds 2004-2006

Financial Instrument For Fisheries Guidance FIFG

Measure 3.3 – Fisheries:

Sub-Measure 3.3.1

FLEET RENEWAL

1. Preamble:

This measure is aimed at improvement of the fleet through renewal and will be managed in such a way that the capacity does not exceed the annual objectives set out in the Multi-Annual Guidance Programme for the fleet. The activities under this measure allow for the construction of a new vessel of equal capacity in tonnage and power for vessels under 100GT (Vessels over 100GT necessitate a ratio of 1:1.35 but with more efficient engines, improved sanitary conditions, safer deck machinery, more selective fishing gear and improved navigational equipment.

This measure would have positive impacts on the natural environment if it is administered properly and utilised in accordance with the conditions of resources. It will also induce positive impacts in the working environment on board fishing vessels and also improve the safety factor of the vessels. This renewal should not result in increased fishing capacities and therefore should not be a cause of over fishing. At all times, any project within the scheme must retain the general concept of sustainability in fisheries.

A total of 285,000 Euros public funds (Malta and EU (FIFG) Funds) are being made available. Projects will receive a maximum funding of 40% from the FIFG fund and from the Maltese Government. The applicants will have to co-finance the remaining 60% of the project. The 40% of the aid for the construction of these fishing vessels that shall be funded by FIFG and the State will not be above amounts that are shown in the following table. The amounts to be funded will be elaborated pro rata in accordance with the sections of the following table:

GT	€ Euros	
0<10	22,000/GT	+ € 4,000
10<25	10,000/GT	+ € 124,000
25<100	8,400/GT	+ € 164,000
100<300	5,400/GT	+ € 464,000
300<500	4,400/GT	+ € 764,000
500 & above	2,400/GT	+ €1,764,000

2. Objectives:

This measure involves the construction of new vessels with public aid alongside the removal of equivalent tonnage and power for vessels under 100GT (Vessels over 100GT necessitate a ratio of 1:1.35 from the existing Fishing Fleet Register without public aid. This results in a more modern fleet that will have less negative impact on the environment through improved emissions, septic tank facilities and selective fishing gear.

3. Beneficiaries:

This measure is directed towards fishing vessels existing in the Maltese Fishing Register for at least the last two years and which are over 10 years old. The end beneficiaries resulting from this measure will be the boat owners of operational fishing boats existing in the Maltese Fishing Register and will concern only vessels which have carried out a fishing activity for at least 75 days in each of the two periods of twelve months preceding the date of the application or at least 80% of the number of days at sea permitted by current regulations for the vessel concerned.

4. Applications:

All applications necessitate full details as specified in the form provided. These forms may be collected from the addresses listed hereunder. The person submitting the application/s is requested to provide his/her official Identity Card for identification purposes. Late applications will not be considered. Applications are to be submitted, in person, by Thursday 15th July**,** 2004 by 12.00 noon at one of the following addresses:

The Programmes Office
Malta Centre for Fisheries Sciences
Fisheries Conservation and Control Division
